MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 950/2007

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta’ Awissu, 2007 li permezz tiegħu l-attriċi esponiet reverentement:

Illi l-kontendenti kienu daħlu f’kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-20 ta’ Ġunju, 2005, liema kuntratt ġie redatt quddiem in-Nutar Pubbliku Dott Nathalie Pace Asciak wara li ġew debitament awtorizzati mill-Qorti kompetenti hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

Illi fost il-kundizzjonijiet hemm imposti nsibu fi klawsola numru 3 li l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri X ġiet fdata konġuntivament lir-raġel u lill-mara u li kull deċiżjoni fuq

trobbija tat-tifel konsegwentement kellha tiġi miċħuda flimkien;

Illi fl-istess klawsola nsibu wkoll il-mod illi bih kellu jiġu regolat l-aċċess tal-missier versu l-minuri;

Illi fi klawsola numru 4 insibu li l-kontendenti riedu l-permess illi sabiex isiefru l-minuri riedu l-kunsens bil-miktub ta' xulxin;

Illi minn dakinhar 'l hawn iċ-ċirkostanzi nbidlu radikalment fis-sens illi l-konvenut qabad u siefer l-Afrika għal dawn l-aħħar sena u nofs u qata' kull kuntatt mal-familja;

Illi konsegwentement il-klawsoli hawn fuq indikati mhux talli ma għadhomx neċessarji, talli qegħdin iservu ta' xkiel għall-attriċi fit-trobbija ta' binhom;

Għaldaqstant ir-rikorrent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. tordna l-korrezzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni billi fi klawsola numru 3 tniżżel illi l-kura u l-kustodja tal-minuri għandha tiġi mogħtija esklussivament lilha, filwaqt illi l-bqija ta' l-istess klawsola titħassar;

2. ir-raba' klawsola, il-parti fejn il-kontendenti għandhom bżonn jieħdu l-permess bil-miktub ta' xulxin biex isiefru lill-minuri X, titneħħa;

3. tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jirċievi l-att korrettorju.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimati *nomine*, ippreżentata fit-22 ta' Novembru, 2007, li permezz tagħha qalu bir-rispett:

Illi jidher qabel xejn li din il-Qorti m'hijiex kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-każ, u dan *ai termini* ta' l-Avviż Legali 387/2003;

Illi fi kwalunkwe każ l-esponenti ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawża u għalhekk jirriżervaw id-dritt li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom iktar 'il quddiem.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet lill-attriċi.

Rat id-digriet tat-30 ta' Jannar, 2008 illi permezz tiegħu l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bagħtet l-atti quddiem din il-Qorti wara li astjeniet illi tieħu konjizzjoni tagħha.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' April, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur ta' l-attriċi.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħda titlob li din il-Qorti tvarja l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li sar fl-2005 minħabba li l-konvenut telaq minn Malta u hija ma tafx fejn jinsab. Allura jagħmel sens li hija tingħata d-drittijiet kollha ta' ġenitur fir-rigward tal-minuri.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tielet talba tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana u lill-Avukat Dottor Andre Borg bħala kuratur tal-kontumaċi. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut, iżda l-attriċi għandha tħallas kemm l-ispejjeż tal-kuntratt u proviżorjament l-ispejjeż u d-drittijiet tal-kuraturi. Il-kuntratt għandu jsir f'data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' l-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------